**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 18 ta' Frar 2016**

Numru: 8

**Rikors Nru. 35/2016**

**Pacific Seaways Shipbuilding Inc. registrata f'Monrovia fil-Liberia liema socjeta estera hija rappresentata mill-mandatarja specjali taghha l-Avukat Julienne Portelli Demajo kif debitament awtorizzata**

**vs**

**Il-bastiment MV Kay (b'IMO numru 8509208 u bin-numru ufficjali 8190)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tat-12 ta' Jannar 2016 li jghid hekk:

Illi s-socjeta estera Pacific Seaways Shipbuilding Inc. hija kreditrici tal-bastiment intimat fl-ammont globali ta' hamsa u erbghin miljun ewro (ewro 45,000,000) salv spejjez u imghaxijiet ulterjuri dovuti mis-17 ta' Lulju 2015 sad-datat effettiv tal-pagament.

Illi dan il-kreditu huwa naxxenti in segwitu ta':

A. Fir-rigward l-Ewwel Ipoteka navali (First Registered Mortgage) registrata fuq il-bastiment intimat a favur is-socjeta rikorrenti.

1. Kuntratt ta' Self (First Loan Agreement) datat 23 ta' Dicembru 2010, bejn il-bank esteru Barclays Bank plc registrat f' 1 Churchill Place, Londra E14 5HP, bin-numru ta' registrazzjoni 01026167, u s-socjeta estera Kay Shipping Limited registrat f'Monrovia, il-Liberia, li permezz tieghu il-fuq imsemmi bank Barclays Bank obbliga ruhhu sabiex issellef lil diversi socjetajiet esteri in solidum, fosthom is-sid tal-

bastiment intimat Kay Shipping Limited, is-somma ta' hamsa u erbghin miljun ewro (ewro 45,000,000) ghal attivitajiet kummercjali relatati mal-bastiment intimat;

2. Illi fis-17 ta' Lulju tas-sena 2015, il-partijiet iffirmaw u ftehmu fuq skrittura msemmija 'Restructuring Deed' in konessjoni mal-kuntratt ta' self hawn fuq imsemmi, fejn permezz tal-istess skrittura d-drittijiet u obbligi kollha tal-bank esteru Barclays Bank plc kellhom jigu assunti mis-socjeta esponenti Pacific Seaways Shipbuilding Inc. Permezz ta' dan il-kuntratt, il-partijiet ftehmu ukoll illi l-obbligi kollha tal-fuq imsemmi kuntratt ta' self, hekk kif emendat, kellhom jkomplu japplikaw ('Restructuring Deed' anness u mmarkat bhala 'Dok. PSS1');

3. Illi giet registrata 'First Registered Mortgage', ossia ipoteka navali, fuq il-bastiment intimat m.v Kay (IMO 8509208) fit-13 ta' Jannar 2011 registrat fir-registru navali ta' St. Vincent and the Grenadines fl-ammont ta' hamsa u erbghin miljun ewro (ewro 45,000,000) a favur l-bank esteru Barclays Bank plc liema ipoteka navali giet assenjata lis-socjeta esponenti Pacific Seaways Shipbuilding Inc. fis-28 ta' Lulju tas-sena 2015;

4. Certifikat (Certificate of Ownership and Encumbrance) datat 3 ta' Awwissu 2015 mahrug mill-Awtorita Marittima gewwa Geneva li juri b'mod car illi l-ipoteka navali (First Preferred Mortgage) giet assenjata lis-socjeta esponenti u ghadha sallum irregistrata fuq il-bastiment intimat Kay ('First Registered Mortgage' anness u mmarkat bhala 'Dok. PSS2');

5. Dikjarazzjoni datat 3 ta' Awwissu 2015 mahrug mill-Ufficju tal-Kummissarju ghal-Affarijiet Marittimi (Office of the Commissioner for Maritime Affairs) tar-registru navali ta' St. Vincent and the Grenadines, liema parir huwa mahrug minn Geneva (annessa mad-dokument mmarkat bhala Dok. PSS2), u li liema parir legali jikkonferma illi din l-ipoteka navali registrata fuq il-bastiment intimat fir-registru tal-bastimenti merkantili ta' St. Vincent and the Grenadines jissodisfa r-rekwiziti kollha elenkati f'artikolu 49 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe illi:
(a) l-Ipoteka navali hija validament registrata fir-registru tal-Bastimenti Merkantili ta' St. Vincent and the Grenadines;
(b) ir-Registru tal-Bastimenti Merkantili ta' St. Vincent and the Grenadines huwa registru pubbliku;
(c) li l-Ipoteka navali jidher u huwa evidenti meta wiehed jaghmel search f'dan ir-registru;
(d) li l-Ipoteka navali inghatat status privileggjat taht il-ligi ta' St. Vincent and the Grenadines u huwa b'mod generali ekwivalenti fi status ghal-mortgage registrat fir-registru tal-bastimenti merkantili Maltin.

Ghalhekk ai termini tal-istess artikolu 49, din l-ipoteka navali registrata fir-registru tal-bastiment merkantili ta' St. Vincent and the Grenadines ghandha l-istess drittijiet u poteri daqs li kieku kienet ipoteka navali registrata taht l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta - u ghalhekk tista tigi enforzata bl-istess mod bhal kwalunkwe titolu ezekuttiv iehor.

Peress illi s-somma massima garantita permezz ta' din l-ipoteka navali tidher espressament fl-istrument li holoq il-garanzija (u cioe il-fuq irnsemmija ipoteka navali) u peress illi din ic-cifra hija registrata fir-registru pubbliku tal-bastiment f'St. Vincent and the Grenadines, din l-ipoteka navali tissodisfa r-rekwiziti kollha taht

artikolu 42(2) ta' Kap. 234 ta' Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din l-ipoteka navali titqies bhala titolu ezekuttiv ghal-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodici dwar Organizazzjoni u Procedura Civili et seq.

Peress illi l-pagamenti kollha dovuti lis-socjeta esponenti u li gew kawtelati bir-registrazzjoni tal-imsemmija ipoteka navali ghadhom sallum dovuti u ghadhom ma thallsux, tezisti 'Event of Default' ai termini ta' klawzola 14.1.1 tal-fuq imsemrni Loan Agreement li tghid:
"14.1.1. any obligor fails to pay any sum due from it under this Agreement or any other Relevant Document in the currency and in the manner stipulated in this Agreement or, as the case may be, such Relevant Document within three (3) Banking Days of the due date therefor;"

Illi ghal kull buon fini jinghad ukoll li jezistu numru ta' Events of Defaults ohrajn taht l-istess ftehim.

Illi sa llum l-ammont ta' hamsa u erbghin miljun ewro (ewro 45,000,000) ghadu dovut mis-sid tal-bastiment Kay Shipping Limited.

Illi din l-ipoteka navali giet reza ezekuttiva permezz tal-ittra ufficali numru 4292/2015 li giet debitament notifikata lil agenti tal-bastiment fil-30 ta' Dicembru 2015 ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja tal-ittra ufficjali annessa u mmarkata bhala 'Dok. PSS3').

Illi s-socjeta rikorrenti ottjena il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar ezekuttiv b'numru 8/2016 kontra l-bastiment intimat fil-5 ta' Jannar 2016 li gew ezegwiti dak inhar stess (kopja tal-imsemmija mandat ezekuttiv qed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok. PSS4').

Illi fid-digriet taghha tal-5 ta' Jannar 2016 din l-Onor. Qorti tat terminu lil bastiment intimat sabiex jithallas il-kreditu pretiz sa mhux iktar tard minn l-ahhar ta' Jannar 2016: dan id-digriet inghata konformament mal-artikolu 388D tal-Kap. 12 li jikkontempla sitwazzjoni li l-Qorti tohrog mandat ta' arrest ezekuttiv li jigi segwit bi bejgh fl-irkant tal-Qorti (digriet anness u mmarkat bhala 'Dok. PSS5').

Illi r-rikorrent pero dejjem kellu l-intenzjoni li jipprocedi quddiem din l-Onorabbli Qorti bil-bejgh approvat mill-qorti a tenut tal-artikolu 358 et seq. tal-Kap. 12 u ghalhekk qieghed jipprocedi bir-rikors odjern indipendentement minn dak li tipprovdi l-ligi fil-kuntest ta' bejgh bl-irkant meta jinhareg mandat ta' arrest ta' bastiment ezekuttiv.

Illi ghalhekk il-bastiment Kay jinsab ghalhekk maqbud fl-ibhra territorjali ta' Malta.

Illi in vista tal-fatt li sallum ma sar ebda hlas favur is-socjeta esponenti, u peress illi l-istess socjeta esponenti hija lesta illi tixtri l-istess bastiment animo compensandi bi tpaccija tad-dejn arrekat mis-sid tal-bastiment lis-socjeta esponenti, l-istess rikorrenti tixtieq tenforza t-titolu ezekuttiv li ghandha permezz tal-bejgh tal-istess bastiment Kay, approvat mill-Qorti at termini tal-artikoli 358 sa 364 ta' Taqsima, Titolu VII subtitolu V tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili 'Fuq il-bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru'.

A. Illi ai termini ta' artikolu 358 din l-Onorabbli Qorti fuq rikors ta' kreditur b'titolu ezekuttiv, ghandha s-setgha tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur l-istess esponenti bhala x-xerrej identifikat u bit-tpaccija ghal prezz determinat.

B. Illi at termini tal-artikolu 359, ir-rikorrenti noe qieghed jipprezenta ma' dan l-istess rikors, zewg stimi kif mitluba mill-ligi ta' zewg stimaturi indipendenti u ta' fama tajba liema stimi jindikaw li l-valur fuq is-suq prezenti u attwali tal-bastiment Kay fil-kundizzjoni li jinsab fiha l-bastiment, huwa ta' bejn mitejn u hmistax-il elf dollaru amerikan ($215,000) (ekwivalenti ghal mija u hamsa u disghin elf sebgha mija tnejn u tmemin ewro - ewro 195,782) u mija u tlieta u sebghin elf dollaru amerikan ($173,000) (ekwivalenti ghal mija erbgha u hamsin elf ewro u hamsa u erbgha u ghoxrin ewro - ewro 154,524).

C. Illi z-zewg stimaturi huma:
a) Ing. Paul Cardona ta' MISC (Marine and Industrial Consultancy Services Limited) li ta stima ta mija u tlieta u sebghin elf dollaru amerikan ($173,000) (ekwivalenti ghal mija erbgha u hamsin elf ewro u hamsa u erbgha u ghoxrin ewro - ewro 154,524) (stima annessa u mmarkata bhala 'Dok. PSS6');
b) Capt. Joe Gabriele ta' Rise Company Limited (Marine Consultancy, Surveying, Human Resources and Training) li ta stima ta' mitejn u hmistax-il elf dollaru amerikan ($215,000) (ekwivalenti ghal mija u hamsa u disghin elf sebgha mija tnejn u tmenin ewro - ewro 195,782) (stima annessa u mmarkata bhala 'Dok. PSS7').

D. Illi l-esponenti tixtieq taghmel offerta animo compensandi sabiex tixtri u takkwsita il-bastiment m.v. Kay hija stess Kay u hija ppreparata li thallas l-ammont ta' mitejn u hmistax-il elf dollaru amerikan ($215,000) (ekwivalenti ghal mija u hamsa u disghin elf sebgha mija tnejn u tmenin ewro - ewro 195,782) ghall-dan il-bastiment u cioe l-oghla stima. Dan il-hlas ser isir mill-esponenti bhala tpacija ghad-dejn dovuta lilha mis-sid tal-bastiment u cioe minn Kay Shipping Limited u ghalhekk ai termini tal-artikolu 332 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhemmx bzonn illi l-prezz jigi depozitat il-Qorti.

E. Ghalhekk qed jigi sottomess li l-prezz ta' mitejn u hmistax-il elf dollaru amerikan ($215,000) (ekwivalenti ghal mija u hamsa u disghin elf sebgha mija tnejn u tmenin ewro - ewro 195,782) huwa ragonevoli ferm fic-cirkostanzi tal-kaz.

F. Illi ai termini tal-artikolu 360 dan ir-rikors qed jigi notifikat lil kull min ghandu interess f'dan il-bastiment kif maghruf lill-esponenti u cioe lil-bastiment intimat u ghal kull buon fini lid-Direttur tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta u l-agenti tal-bastiment Gollcher Shipping Agency Limited.

G. Illi qed jigi iddikjarat illi mill-atti tal-Qorti jidher, illi hemm kreditur iehor bl-isem ta' Pon Power AS, socjeta registrata gewwa n-Norvegja, rapprezentata mill-Avukat Nicholas Valenzia, ghandha interess fil-bejgh tal-bastiment Kay (ittra ufficjali numru 4249/2015 datata 23 ta' Dicembru 2015 li ghal kull buon fini giet notifikata lil agenti tal-bastiment fid-29 ta' Dicembru 2015) (anness u mmarkat bhala 'Dok. PSS8'). Dan ir-rikors qieghed jigi notifikat ukoll lil Avukat Nicholas Valenzia in rappreżentanza ta' Pon Power AS.

Ghalhekk bl-akbar rispett u umilta lejn l-awtorita ta' din l-Onorabli Qorti r-rikorrenti nomine jitlob:

1: Illi ai termini ta' artikolu 358 et seq. tal-Kap. 12, il-Qorti tapprova l-bejgh privat tal-bastiment mv Kay lis-socjeta esponenti liema hlas ser isir bi tpacija ghall-kreditu dovut lilha mis-sid tal-bastiment Kay Shipping Limited ghall-prezz ta' mitejn u hmistax-il elf dollaru amerikan ($215,000) (ekwivalenti ghal mija u hamsa u disghin elf sebgha mija tnejn u tmenin ewro - ewro 195,782);

2: Illi ai termini ta' artikolu 362 tal-Kap. 12, il-Qorti fid-digriet ta' approvazzjoni tal-bejgh, tawtorizza l-esponenti sabiex hi tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet approvati mill-Qorti.

3. Illi tahtar lil Avukat David Gonzi jew fin-nuqqas tahtar persuna ohra Ii jkun awtorizzat sabiex jitrasferixxi il-bastiment intimat taht kull patt u kundizzjoni opportun Ii jidhrilha xierqa din il-Qorti bhallikieku kien is-sid registrata taghha bl-effetti kollha stipulati fil-ligi partikolarment artikoli 362 sa 364 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Taghti kull provvediment iehor opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lil bastiment intimat u lil kreditur l-iehor interessat;

Rat li l-agent tal-bastiment Joseph Azzopardi irrimetta ruhu ghall-atti;

Rat li l-kreditur l-iehor interessat Pon Power AS b'nota fl-atti ddikjara li in vista ta' transazzjoni mas-socjeta kreditrici, ma kienx qed jopponi ghat-talbiet attrici;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta' prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Is-socjeta rikorrenti ghandha kreditu ta' €45,000,000 naxxenti minn assenjazzjoni ta' drittijiet favur is-socjeta rikorrenti mill-kreditur tas-sid tal-bastiment u debituri ohra in solidium cioe Barclays Bank plc naxxenti minn kuntratt ta' self datat 23 ta' Dicembru

2010 liema kreditu gie assenjat bi skrittura datata 17 ta’ Lulju 2015 liema kreditu kien garantit b’ipoteka navali datata 13 ta’ Jannar 2011 ukoll assenjata lis-socjeta attrici fit-28 ta’ Lulju 2015.

Id-dokumenti in sostenn ta’ dan kollu gew esebiti fl-atti PSS1 u PSS2. Din l-ipoteka navali tissodisfa r-rekwiziti tal-Kap. 234 artikolu 42(2) u ghandha titqies bhala titotlu eekuttiv ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12.

Id-debitur hu responsabbli ghal numru ta’ events of default skond l-imsemmi kuntratt ta’ self fosthom nuqqas ta’ hlas tad-debitu.

L-ipoteka navali giet reza ezekuttiva permezz tal-ittra ufficali numru 4292/2015 li giet debitament notifikata lil agenti tal-bastiment fil-30 ta' Dicembru 2015 ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234 fid-9 ta’ Marzu 2015.

Is-socjeta rikorrenti ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar ezekuttiv b'numru 8/2016 kontra l-bastiment intimat fil-5 ta' Jannar 2016 li gie ezegwit dak inhar stess.

Il-Qorti, b’digriet tal-5 ta' Jannar 2016 tat terminu lil bastiment intimat sabiex jithallas il-kreditu pretiz sa mhux iktar tard minn l-ahhar ta' Jannar 2016 u dan ai termini tal-artikolu 388D tal-Kap. 12 li jikkontempla sitwazzjoni li l-Qorti tohrog mandat ta' arrest ezekuttiv li jigi segwit bi bejgh fl-irkant tal-Qorti, il-kreditu baqa’ ma thallas.

Peress illi s-socjeta rikorrenti ghandha kreditu li fuqu tgawdi titolu ezekuttiv, qeda titlob li tigi awtorizzata tbiegh il-vapur MV Kay proprjeta tad-debituri b’mod privat cioe mhux b’subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan is-socjeta rikorrenti esebiet fl-atti zewg stimi indipenenti tal-valur tal-vapur cioe wahda tal-Ing. Paul Cardona b’valur ta' mija u tlieta u sebghin elf dollaru amerikan ($173,000) (ekwivalenti ghal mija erbgha u hamsin elf ewro u hamsa u erbgha u ghoxrin ewro - €154,524) u ohra tal-Capt. Joe Gabriele b’valur ta' mitejn u hmistax-il elf dollaru amerikan ($215,000) (ekwivalenti ghal mija u hamsa u disghin elf sebgha mija tnejn u tmenin ewro - €195,782), it-tnejn konfermati bil-gurament.

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li tithalla taghmel offerta animo compensandi sabiex tixtri u takkwsita il-bastiment MV Kay bil-prezz ta' mitejn u hmistax-il elf dollaru amerikan ($215,000) (ekwivalenti ghal mija u hamsa u disghin elf sebgha mija tnejn u tmenin ewro - €195,782), u dana bhala tpacija ghad-dejn dovut lilha mis-sid tal-bastiment u cioe minn Kay Shipping Limited u ghalhekk ai termini tal-artikolu 332 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhemmx bzonn illi l-prezz jigi depozitat il-Qorti.

Din it-talba hi ftit insolita. L-artikolu 358 jikkontempla l-bejgh privat ta’ bastiment maqbud mill-kreditur biex jaghmel tajjeb ghal kreditu jew parti mill-kreditu dovut lilu. Il-kundizzjonijiet li timponi l-ligi huma tlieta cioe titolu ezekuttiv li f’dan il-kaz jirrizulta b’mod car; il-bejgh privat tal-vapur lil persuna identifikata bi prezz determinat. F’dan il-kaz il-prezz hu determinat ghax il-prezz li qed jigi offrut ghal akkwist hu l-aktar stima gholja esebita minn zewg stimi esebiti. Il-htiega ta’ zewg stimi hi imposta mill-artikolu 359 tal-Kap. 12.

Dak li jaghmel dan il-bejgh ftit differenti hu illi l-akkwirent prospettat hu l-istess kreditur li qed jitlob il-bejgh. Hu qed jitlob il-premess li jakkwista l-vapur bi tpacija in parte tal-kreditu dovut lilu.

Din il-Qorti ma tqis illi tali talba hi insostenibbli. Il-ligi ma taghmilx divjet dwar minn jista’ jkun l-akkwirent u bhal f’subbasta normali, kull kreditur jista’ jippartecipa fil-bejgh animo compensandi.

Ovvjament il-Qorti, kuntrarjament ghal subbasta tal-Qorti, ma tinnominax stimaturi hi, ghalkemm ma hemm xejn li josta li taghmel hekk f’dawn ic-cirkostanzi. L-istimi huma prezentati mill-kreditur stess, f’dan il-kaz ukoll akkwirent. Ghalhekk hu necessarju aktar kawtela mill-Qorti li tkun zgura li fil-fatt il-prezz offrut hu fl-interess tal-kredituri kollha maghrufa. F’dan il-kaz il-kreditur rikorrent ha l-pass kawt li l-istimi jkunu mahlufa, ghalkemm dan ma hux necessarju skond il-ligi. Il-Qorti tqis tali prekawzjoni necessarja biex taghti aktar serjeta u solennita lil procedura. Fil-fehma tal-Qorti, il-konferma ta’ stima bil-gurmanet ta’ min ikun ghamilha taghti iktar piz u serhan tal-mohh lil kull min hu interessat li l-proceduri jitmexxew b’sens rett ta’ gustizzja.

Kif intqal l-uniku kreditur maghruf deher fil-proceduri u ma kellu ebda oppozizzjoni. In kwantu ghal bastiment jinghad illi r-rapprezentant tal-bastiment irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Din il-Qorti, wara li rat l-istimi prodotti b'referenza partikolari ghas-survey tal-Ing. Paul Cardona tat-22 ta' Settembru 2015 li ghamel tal-yacht in kwistjoni deskritt bhala 'a stripped down hull with no machinery, no equipment and no furniture' tajjeb biss ghal 'scrap metal' u fejn mill-ahhar survey dettaljat li sar f'Mejju 2014, id-deterjorament qed jizdied, tqis li l-offerta tar-rikorrent li hi l-oghla wahda miz-zewg stimi prodotti cioe dik tal-kaptan Joe Gabriele u li tissupera l-istima dettaljata tal-Ing. Paul Cardona, hi fic-cirkostanzi gusta u ekwa u fl-interess tal-kredituri. Ma ngiebet ebda prova minn terzi interessati li l-yacht fil-istat li hu ghandu jkollu valur oghla ghal xi raguni li din il-Qorti ma ghandhiex konjizzjoni taghha u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment MV Kay (IMO 8509208) lis-socjeta rikorrenti bil-prezz ta' mitejn u hmistax-il elf dollaru amerikan ($215,000) (ekwivalenti ghal mija u hamsa u disghin elf sebgha mija tnejn u tmenin ewro - €195,782) liema hlas isir bi tpacija ghall-kreditu dovut mis-sid tal-bastiment Kay Shipping Limited u ghalhekk ma hemmx il-htiega li l-prezz jigi depozitat fil-Qorti kif irid l-artikolu 363 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tielet talba tahtar lil avukat Dr. David Gonzi sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur